MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Avviz Numru. 263/2004

**Rikors numru 263/04DM**

**United Acceptances Finance Limited (C-360)**

**Vs**

**Joseph Azzopardi, Marmista Limited (C-21962), u Catherine Azzopardi bhala garanti solidali**

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta' liema l-kumpanija attrici tablet il-kundanna tat-tlett konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, seba' mija u sebghin lira Maltin (Lm3,770) import ta' kambjali minnhom iffirmati u accettati, kopji ta' liema kambjali huma annessi ma' l-avviz u mmarkati minn dokument '1' sa '29', liema kambjali skadew izda baqghu ma thallsux nonostante li gew interpellati sabiex ihallsu.

Bl-imghaxijiet mid-data ta’ kull skadenza sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjez kollha inkluzi tal-ittri ufficjali kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati la deheru biex jikkontestaw it-talba attrici u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum sabiex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokumenti esebiti, ssib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant qieghda tikkundanna lill-konvenuti in solidum bejniethom sabiex ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, huma jhallsu lill-atturi s-somma mitluba ta’ tlett elef, seba’ mija u sebghin lira Maltin (Lm3,770), bl-imghaxijiet legali mid-data ta’ kull skadenza.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------